# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Frar 2021

**Rikors Numru : 292/2020 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**RG**

**Vs**

**RS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' RG, datat 4 ta' Settembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi hija zzewget lill-intimat RS fil-hamsa ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disghin (05.05.1990) fil-Knisja Parrokjali ta' San Gejtanu, il-Hamrun u z-zwieg ta' dina l-koppja gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv hames mija tmienja u tmenin tas-sena elf disa mija u disghin (588/1990) (Certifikat taz-zwieg anness Dok A).*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech fil-hamsa u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (25.01.2012) - (Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni- Dok B).*

*Illi l-partijiet kellhom zewg ulied R u I li llum huma maggiorenni*

*Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti RG titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara li z-zwieg taghha ma' RS hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-avukat difensur tal-intimat li ddikjarat li l-intimat ma ghandux opposizzjoni ghad-divorzju u li l-intimat ser jippresenta l-affidavit tieghu fi zmien qasir (vide fol 9);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RG xehdet** (vide affidavit a fol 12 et seqq.) illi hija zzewwget lil RS fil-5 ta' Mejju 1990, u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt, illum maggorenni u t-tnejn li huma ghandhom impjieg. Ikkonfermat illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fil-25 ta' Jannar 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech. Sostniet illi mid-data tas-separazzjoni huma qatt ma rrikonciljaw u lanqas ma hemm ebda prospett raġonevoli tal-istess. Finalment ikkonfermat illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment.

**RS xehed** (vide fol 14 et seqq.) fejn ikkonferma u kkollaborat dak li xehdet RG.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Mejju 1990, liema zwieg jgib certifikat numru 588/1990 (vide Dok A, a fol 3) u li minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied li llum huma maggorenni u t-tnejn li huma ghandhom impjieg.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech, datat 21 ta' Jannar 2016 (vide Dok B, a fol 3 et seqq.), ghalhekk

jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja bejn il-partijiet il-hall taz-zwieg, liema zwieg ghandu certifikat numru 588/1990 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**